MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' April, 2013

Appell Civili Numru. 1084/1991/1

**Mario Debattista, Michael Sultana u Aronne sive Ronnie Cacciottolo; u b'digriet tas-26 ta' Lulju 2004, Iris Cacciottolo dahlet bhala intervenuta fil-kawza**

**v.**

**Andrew Pace f'ismu proprju kif ukoll fil-kwalita` tieghu ta' Direttur f'isem u in rapprezentanza ta' Savoy Bus Co. Limited u b'digriet tal-4 ta' Lulju 2012 Dr. Simon Micallef Stafrace u Prokuratur Legali Madeline Firman gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` "Savoy Bus Company Limited", Carmelo sive Charles Pace, u l-Kummissarju tal-Pulizija ghal**

**kull interess li jista’ jkollu, u r-Registratur tas-Socjetajiet ghal kull interess li jista’ jkollu**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li pprezentaw l-atturi fit-2 ta’ Ottubru 1991, u li taqra hekk:
“PREMESS ILLI l-atturi huma azzjonisti fis-socjeta' Savoy Bus Co. Limited;

“PREMESS ILLI bi skrittura privata datata 1 ta' Frar 1991 is-socjeta' konvenuta ittrasferiet lil wiehed mid-Diretturi li jigi l-konvenut Charles Pace il-Private Bus Numru ta' Registrazzjoni Y-0910 versu l-prezz ta' erbatx il-elf Lira Maltin (Lm 14,000);

“PREMESS ILLI kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni u l-provi tal-kawza, id-diretturi li dehru fuq dawk l-iskritturi ma gewx validament eletti peress illi qatt ma ssejhet Assemblea Generali Annwali ta' l-azzjonisti a tenur tal-Memordandum and Articles of Association u a tenur tal-ligi;

“PREMESS ILLI ghalhekk tali elezzjoni hija nulla u inattendibbli;

“PREMESS ILLI halhekk kull att li sar mid-diretturi huwa null in kwantu kif inghadu ma gietx segwita validament il-procedura ghall-elezzjoni tad-diretturi;

“PREMESS ILLI ghalhekk it-trasferiment imsemmi huwa null u inattendibbli in kwantu kif inghad ma gietx segwita l-procedura ghall-elezzjoni tad-diretturi;

“PREMESS ILLI dan it-trasferiment huwa milqut bil-frodi ghaliex il-Bus giet trasferita bi prezz li huwa ferm aktar baxx minn dak reali ghaliex il-Bus giet trasferita bi prezz li huwa ferm aktar baxx minn dak reali, minghajr qatt ma saret ebda valutazzjoni ta' l-"asset" u taht kondizzjonijiet irrizorji kif ser jirrizulta u jigi ppruvat fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza;

“PREMESS ILLI dan it-trasferiment jippregudikament serjament l-interessi ta' l-azzjonisti fis-socjeta' imsemmija;

“PREMESS ILLI dan it-trasferiment huwa null u inattendibbli ghaliex kolpit u vvizjat bil-frodi,

“IGHID GHALHEKK IL-KONVENUTI JEW MINN MINNHOM GHALIEX M'GHANDHIEX DIN IL-QORTI:

“1. tiddikjara ghar-ragunijiet premessi illi elezzjoni tad-Diretturi fis-socjeta' msemmija nulla u inattendibbli;

“2. tiddikjara illi il-bejgh u t-trasferiment tal-Private Bus Numru ta' Registrazzjoni Numru Y-0910 huwa konsegwentement null u bla effett;

“3. tiddikjara illi l-bejgh u it-trasferiment tal-Private Bus Numru ta' Registrazzjoni Numru Y-0910 kien afflit u vvizjat bi frodi;

“4. tiddikjara null u inattendibbli u l-bejgh u t-trasferiment imsemmi;

“5. tiddikjara illi bl-agir imsemmi il-konvenuti jew min minnhom ikkawzaw danni u pregudizzju serju lill-interessi patrimonjali ta' l-atturi;

“6. tillikwida d-danni u l-pregudizzju hekk kkawzat;
“7. tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsu lill-atturi d-danni hekk minnhom kkawzati.

“Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri bonarji tal-15 ta' Frar 1991 ta' l-24 t'April 1991 u tat-30 t'April 1991 u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi;

“Il-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Andrew Pace f’ismu u f’isem is-socjeta` konvenuta Savoy Bus Co. Limited li in forza taghha eccepew:

1. Illi t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigi michuda bl-ispejjez kontra taghom peress illi in kwantu diretti kontra l-eccipjent personalment huwa ma ghandhu l-ebda relazzjoni guridika mal-konvenuti, u illi in kwantu diretti kontra l-eccipjent nomine huwa minn dejjen kien u ghadu jigi rikonoxxut u accettat bhala wiehed mid-diretturi tas-Socjeta' "Savoy Bus Co Ltd";

“2. Illi l-bejgh u trasferiment tal-Bos numru Y-0910 kien wiehed validu u legali u gie iffirmat wara decizjoni unanima mehuda f'zewg laqghat straordinarji tal-azzjonisti kollha tas-Socjeta' konvenuta;

“3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Pace li in forza taghha eccepixxa:

“1. Illi t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom peress illi l-bejgh u trasferiment tal-Bus numru Y-0910 kien wiehed validu u legali mixtri minghand is-Socjeta' "Savoy Bus Co Ltd";

“2. Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija li in forza taghha eccepixxa:

“1. Illi l-esponenti gie mharrek inutilment f’din il-kawza stante li sal-lum il-gurnata ma gie registrat ebda trasferiment tal-bus inkwistjoni.

“2. Illi dwar jekk it-trasferiment hawn fuq imsemmi ghandux ikun registrat mill-esponent, l-esponenti jirrimetti ruhu ghall-provi rizultanti mit-trattazzjoni tal-kawza odjerna;

“3. Illi fi kwalunkwe kaz l-esponent m’ghandux ibati spejjez;

“4. Salvi eccezzjoni ulterjuri jekk ikun il-kaz.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Registratur tas-Socjetajiet li in forza taghha eccepixxa:

“1. Illi preliminarjament huwa mhux il-legittimu kontradittur il-kawza u m'ghandux x'jaqsam fil-kontroversja u l-presenza tieghu mhux necessarja ghall-integrita tal-gudizzju u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza.

“2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost huwa mhux edott mill-fatti allegati u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba u ghas-savju u superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

“3. Illi huwa m'ghandux ibati spejjez.

“4. Salv eccezzjonijiet ohra.”

Rat ir-rapport tal-Perit Legali mahtur mill-ewwel Qorti u d-domandi u r-risposti in eskussjoni li sarulu;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta’ Mejju 2009, li in forza taghha l-kawza giet deciza billi:

“1. tiċħad l-ewwel żewġ talbiet;

“2. tilqa’ t-tielet talba billi tgħid illi l-bejgħ tal-vettura Y-0910 lill-konvenut Carmelo Pace sar *in mala fide* b’qerq għall-interessi tas-soċjetà u tal-atturi bħala azzjonisti;

“3. tiċħad ir-raba’ talba’;

“4. tilqa’ l-ħames talba billi tgħid illi bl-għemil tagħhom il-konvenuti Carmelo Pace u Andrew Pace *proprio* għamlu ħsara lill-interessi patrimonjali tal-atturi bħala azzjonisti tas-soċjetà *Savoy Bus Co. Limited*;

"5. tipprovdi dwar is-sitt talba billi tillikwida d-danni fis-somma ta' sebgħa u tletin elf, mitejn u sebgħin euro (€37,270);

"6. tilqa' s-seba' talba billi tikkundanna lill-konvenuti Carmelo Pace u Andrew Pace *proprio* flimkien *in solidum* iħallsu lill-atturi dik is-somma li għandha l-istess proporzjon mad-danni ta' sebgħa u tletin elf, mitejn u sebgħin euro (€37,270) illi l-ishma tal-atturi għandhom man-numru totali tal-ishma fis-soċjetà; u tikkundannahom ukoll iħallsu l-imgħaxijiet legali relativi minn dakinhar meta kienet preżentata ċ-ċitazzjoni sa meta jsir il-ħlas;

"7. teħles lill-Kummissarju tal-Pulizija u lir-Reġistratur tas-Soċjetajiet mill-ħarsien tal-ġudizzju;

"8. tikkundanna lill-atturi jħallsu l-ispejjeż tal-Kummissarju tal-Pulizija u tar-Reġistratur tas-Soċjetajiet; u

"9. tikkundanna lill-konvenuti Carmelo Pace u Andrew Pace *proprio* flimkien *in solidum* iħallsu l-ispejjeż l-oħrajn kollha."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Il-fatti li huma relevanti għall-għanijiet tal-kawża seħħew hekk:

"L-azzjonisti tas-soċjetà konvenuta – li hija soċjetà bejn aħwa u kienet tiġġestixxi numru ta' vetturi tat-trasport pubbliku – kienu qegħdin jaħsbuha jħollux is-soċjetà u wħud minnhom urew ix-xewqa li jixtru xi vetturi li kellha s-soċjetà. Saru laqgħat li fihom l-azzjonisti iddiskutew x'kellu jsir u qablu li kellhom jaraw kemm jiswew il-vetturi. Xi wħud mill-azzjonisti ħadmu l-prezzijiet skond ma dehrilhom li kien is-suq u għarrfu b'dan lill-azzjonisti l-oħra; f'laqgħa oħra li saret, iżda, l-atturi wrew li kienu tal-fehma li l-prezzijiet kienu baxxi, għalkemm il-konvenuti jgħidu illi kulħadd kien qabel.

"Għandu jingħad illi, għalkemm għal dawn il-laqgħat ma kienx jingħata avviż formali, jidher illi kulħadd kien jaf bihom u ħadd ma lmenta dwar xi irregolarità. Hija ħaġa naturali li f'soċjetajiet privati fejn l-ishma jkunu f'idejn ftit nies ilkoll membri tal-istess familja l-laqgħat ma jsirux bl-istess formalitajiet bħalma jsir fil-laqgħat ġenerali ta' soċjetajiet pubbliċi. Jidher ukoll illi l-laqgħa ġenerali ta' kull sena għas-sena 1990 kienet saret, tant illi kienet preżentata lir-Reġistratur tas-Soċjetajiet id-denunzja ta' kull sena relativa għas-sena soċjali li għalqet fit-30 ta' Mejju 1990. Skond dik id-denunzja d-diretturi tas-soċjetà kienu Edward Pace u l-konvenuti Andrew Pace u Carmelo Pace.

"Fil-31 ta' Jannar 1991 ittieħdet riżoluzzjoni mill-bord tad-diretturi, f'laqgħa li għaliha kienu preżenti d-diretturi Andrew Pace u Carmelo Pace, li tat lil kull wieħed minn dawn id-diretturi, waħdu, is-setgħa li jbigħ il-vetturi. L-għada, l-1 ta' Frar 1991, Carmelo Pace xtara l-vettura li dwarha saret il-kawża bil-prezz ta' erbatax-il elf lira (Lm14,000) – daqs tnejn u tletin elf, sitt mija u ħdax-il euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€32,611.23) – minkejja r-riżervi li kellhom l-atturi dwar il-prezz; għas-soċjetà fuq il-kitba tal-bejgħ deher Andrew Pace. Għandu jingħad ukoll illi l-prezz għadu sallum ma tħallasx.

"Għaxart ijiem wara mbagħad, fil-11 ta' Frar 1991, Carmelo Pace bigħ l-istess vettura lil terzi bil-prezz ta' sittax-il elf lira (Lm16,000) – daqs sebgħa u tletin elf, mitejn u disgħa u sittin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€37,269.97) – bi qligħ ta' elfejn lira (Lm2,000) jew erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75).

"Ngħaddu issa biex naraw jekk dan il-bejgħ kienx jiswa.

"L-art. 7 tal-*memorandum* tas-soċjetà igħid illi:

*""The affairs of the Company shall be managed and administered by a Board of Directors consisting of not less than two (2) directors and not more than three (3) directors."*

“L-art. 19 tal-istatut igħid illi:

*““The Board of Directors shall have the power to exercise all the powers of the Company under clause 3 of the Memorandum and Articles in such manner as they deem fit.”*

*“Clause* 3 msemmija f’dan l-artikolu tgħid illi fost is-setgħat tal-bord tad-diretturi hemm dik li jbigħu proprjetà tas-soċjetà.

“Dwar jekk il-ħatra tad-diretturi saritx sew, u għalhekk dwar jekk id-direttur Andrew Pace kellux tassew is-setgħa li jidher fuq il-bejgħ f’isem is-soċjetà, il-perit legali qal hekk:

““Skond l-atturi d-diretturi ma ġewx validament eletti peress li qatt ma ssejħet Assemblea Ġenerali Annwali u għalhekk kull att li sar mid-diretturi huwa null in kwantu ma ġietx segwita validament il-proċedura għall-elezzjoni tad-diretturi. Illi l-esponent ma jaqbilx ma’ din is-sottomissjoni. Din hija bażikament kumpanija bejn l-aħwa li ma kinitx iżżomm *meetings* formali iżda għar-rigward id-deċiżjoni sabiex jinbigħu l-*buses* issejħu żewġ laqgħat u ġie propost li l-*buses* jinbigħu u l-maġġoranza tal-azzjonisti aċċettaw din il-proposta. Huwa veru li Mario Debattista qal li ried iktar żmien biex jaħseb iżda ma kienx hemm oppożizzjoni formali. Illi għalkemm ma kienx isir elezzjoni formali tad-diretturi, il-kumpanija kienet tibgħat *annual returns* fejn ġew dikjarati minn kienu d-diretturi u ma hemmx evidenza li ħadd ma qatt oġġezzjona formalment għal dan. Waqt iż-żewġ laqgħat fejn ġew diskussi l-bejgħ tal-*buses* ħadd ma allega li d-diretturi ma kinux ġew appuntati kif suppost.”

“Dwar jekk il-bejgħ kienx milqut b’qerq, il-perit legali kompla jgħid hekk:

““Illi t-tieni ilment tal-atturi huwa li t-trasferiment kien milqut bi frodi: “għaliex il-*bus* ġiet trasferita bi prezz li huwa ferm

aktar baxx minn dak reali, minghajr qatt ma saret valutazzjoni tal-*asset* u taħt kondizzjonijiet irriżorji".

"Illi huma l-atturi li jridu jipprovaw frodi. Illi l-atturi jippretendu li l-valur kien baxx iżda ma ġabu ebda stima indipendenti u professjonali dwar il-valur tal-*bus* f'dak iż-żmien. Illi jirriżulta li l-maġġoranza tal-azzjonisti kienu kuntenti li l-istess azzjonisti jkollhom id-dritt li jixtru l-*buses* bi prezz vantaġġjuż għalihom. Illi l-fatt li l-prezz seta' ma kienx il-prezz reali tal-*bus* u l-fatt li l-kundizzjonijiet setgħu ma kinux fl-aħjar interess tas-soċjetà ma jfissirx li kien hemm frodi. L-atturi jaċċettaw li kienu jafu bil-proposta li ġiet diskussa b'mod apert u anki miktub. Illi jista' jkun li l-prezzijiet u kundizzjonijit ma kinux fl-aħjar interess tas-soċjetà iżda dan ma jfissirx li hemm frodi. Fil-kawza Il-Pulizija *vs* Anthony Francis Willoughby (Imħallef Degaetano 12/2/1999) ġie dikjarat: "mhux kull forma ta' lokupletazzjoni *ossia* arrikkiment magħmul a dannu ta' ħaddiehor tammonta għal frodi fis-sens tal-liġi penali. Fil-liġi tagħna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata jrid ikun ġie perpetrat mill-aġent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligħ għall-aġent". Illi ma kien hemm ebda ingann jew qerq f'dan il-każ. L-atturi kienu jafu bil-proposta, kienu jafu bil-prezz u ma ġewx ingannati. Illi jista' jkun li s-soċjetà ma ħaditx il-passi biex tiġbor il-flus dovut lilha wara l-bejgħ iżda dan ma jfissirx li kien hemm frodi. [F]l-*affidavit* tal-attur Michael Sultana hemm deskrizzjoni ta' x'ġara waqt il-laqgħat. Minn din id-deskrizzjoni jirriżulta li ma kien hemm ebda ingann. L-azzjonisti ġew informati l-prezzijiet u ġew mitluba jekk iridux jixtru b'dawk il-prezzijiet.

"Għaldaqstant l-esponent jissottometti bir-rispett li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda."

"Il-qorti taqbel mal-perit legali, għar-raġunijiet minnu mogħtija, illi l-ħatra tad-diretturi kienet tiswa, u li għalhekk id-diretturi kellhom is-setgħa li jbigħu proprjetà tas-soċjetà, iżda ma taqbilx illi l-għemil tagħhom kien iħares id-dmir ta'

*bona fides* li għandu dejjem imexxi lid-diretturi fil-qadi tad-dmirijiet tagħhom lejn is-soċjetà li bit-tmexxija tagħha huma fdati, aktar u aktar id-dmir li ma jdawwrux għalihom qligħ li kien imiss lis-soċjetà. Dan id-dmir ta' *bona fides* ma jitħarisx billi d-diretturi jżommu lura biss minn frodi kriminali; huwa dmir li jitlob ħafna aktar minn hekk. Mhux biżżejjed illi l-atturi kienu mgħarrfa x'kellu jkun il-prezz tal-bejgħ lil Carmelo Pace; kellhom ikunu mgħarrfa wkoll x'kellu jkun il-qligħ li dan kien sejjer jagħmel għaxart ijiem wara.

"Fil-każ tallum il-konvenut Carmelo Pace ma setax ma kienx jaf li kellu l-okkażjoni, għaxart ijiem wara li xtara l-vettura, li jbigħha bi qligħ ta' elfejn lira (Lm2,000) – *res ipsa loquitur*. Id-dmir li kellu bħala direttur tas-soċjetà kien li dak il-qligħ bi ħwejjeġ is-soċjetà tgawdih is-soċjetà, mhux igawdih hu. Dan kien abbuż sfaċċjat u flagranti tal-pożizzjoni ta' direttur, u ebda sistema legali serju ma jista' jippremetti li abbuż bħal dan jibqa' għaddej qiesu ma hu xejn.

"Madankollu, għalkemm issib illi l-bejgħ tal-*'bus* numru Y-0910 sar b'abbuż tas-setgħa tad-diretturi u bi ħsara għall-interessi patrimonjali tas-soċjetà u tal-atturi bħala azzjonisti, il-qorti hija tal-fehma illi t-tħassir tal-bejgħ – illum aktar minn tmintax-il (18) sena wara li sar – la jkun fl-interess tas-soċjetà u lanqas ma jkun rimedju xieraq, aktar u aktar meta tqis illi l-vettura reġgħet inbigħet minn Carmelo Pace lil terza persuna li kontrieha la nġiebet prova li b'xi mod kienet kompliċi f'dak li sar u li lanqas ma hija parti fil-kawża. Rimedju aktar xieraq kien ikun illi Carmelo Pace jrodd il-qligħ kollu – magħdud il-prezz li sallum għadu ma ħallasx – mhux lill-atturi iżda lis-soċjetà. Ladarba l-atturi fetħu l-kawża f'isimhom mhux f'isem is-soċjetà, ir-rimedju li jkollu jingħata hu illi lill-atturi jingħata daqshekk mid-danni totali ta' sebgħa u tletin elf, mitejn u disgħa u sittin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€37,269.97) li jkollu l-istess proporzjon mat-total illi l-ishmha li għandhom huma għandhom man-numru totali tal-ishma.

"Ukoll, ladarba l-flus baqgħu f'idejn il-konvenut Carmelo Pace, li kellu l-użu u t-tgawdija tagħhom meta dawn kienu jmissu lis-soċjetà, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu mhux millum iżda minn dakinhar meta saret talba għall-ħlas ta' danni b'att ġudizzjarju, *i.e.* minn dakinhar meta kienet preżentata ċ-ċitazzjoni.

"Billi wkoll il-kawża saret għalxejn kontra l-Kummissarju tal-Pulizija u kontra r-Reġistratur tas-Soċjetajiet, billi dawn ma kellhom ebda sehem f'dak li ġara, dawn għandhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti Andrew Pace u Carmelo sive Charles Pace li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha:

"… … tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Mejju 2009, fil-kawza fl-istess isimijiet premessi, billi filwaqt li tikkonfermha inkwantu cahdet l-ewwel zewg talbiet u r-raba' attrici, u helset lill-Kummissarju tal-Pulizija u lir-Registratur tas-Socjetajiet mill-harsien tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-istess atturi appellati, tirrevokha fil-bqija taghha, u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet minnhom sollevati u tichad it-talbiet attrici kollha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi appellati."

Rat ir-risposta ta' Mario Debattista li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, stqarr illi s-sentenza appellata timmerita konferma;

Rat ir-risposta tar-Registratur tas-Socjetajiet li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, ikkonkluda illi peress li l-posizzjoni tar-Registratur tas-Socjetajiet ma tidhirx li giet milquta bit-talbiet maghmula mill-appellanti fir-rikors, ir-Registratur jirrimetti ruhhu ghal gudizzju Superjuri ta' din il-Qorti;

Rat ir-risposta ta' Michael Sultana u tal-intervenuta fil-kawza Iris Cacciottolo li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, issottomettew illi s-sentenza hija

gusta u timmerita konferma u li qed jaderixxu pjenament mar-risposta prezentata minn Mario Debattista;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-atturi qed jattakkaw bejgh ta' *bus* maghmul mis-socjeta` konvenuta lill-konvenut Carmelo Pace. Qed isostnu li dan il-bejgh ma jiswiex ghax (i) min deher f'isem is-socjeta` fuq il-kuntratt ta' bejgh ma kellux is-setgha li jidher f'isimha, ghax ma kienx direttur mahtur regolarment, u anke ghax (ii) il-bejgh sar b'qerq kontra l-interessi tas-socjeta` billi l-prezz kien baxx hafna.

L-ewwel Qorti lliberat lill-Kummissarju tal-Pulizija u lir-Registratur tas-Socjetajiet mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-atturi, u cahdet it-talbiet attrici ghat-thassir tal-bejgh fuq il-kawzali li s-socjeta` ma kinitx rapprezentata sew fuq l-att tal-bejgh. Minn dawn id-decizjonijiet ma tressaq ebda appell, lanqas wiehed incidentali u allura jitqiesu li jorbtu lill-partijiet u lil din il-Qorti. L-ewwel Qorti sabet pero`, li l-konvenut Carmelo Pace agixxa 'in mala fede b'qerq' ghall-interessi tas-socjeta` u tal-atturi bhala azzjonisti, izda ma qiesitx li l-bejgh li sar ma jiswiex, izda ordnat li lill-atturi jinghataw sehemhom mid-danni li hi llikwidat fl-ammont ta' €37,269.97, bl-imghax minn dakinhar tal-prezentata tac-citazzjoni.

Minn din is-sentenza appellaw il-konvenuti Carmelo u Andrew Pace li ressqu aggravji kontra s-sejba mill-ewwel Qorti li Carmelo Pace agixxa 'in mala fede b'qerq', u kontra r-rimedju li tat l-ewwel Qorti. Kontra d-decizjoni li l-bejgh kien u baqa' jiswa, ma tressaq appell minn hadd.

L-ewwel Qorti qalet li dan il-konvenut agixxa in mala fede, aderittura b'qerq, ghall-interessi tas-socjeta` u tal-atturi bhala azzjonisti, pero`, cahdet talba ghat-thassir tal-bejgh, b'dan li ordnat lill-konvenut ihallas id-danni, konsistenti,

bazikament fil-qliegh li hu ghamel meta biegh il-*bus* lill-terzi bi profitt ta' Lm2,000 ghaxart ijiem wara li xtara l-vettura minghand is-socjeta` konvenuta.

Kontra din il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-bejgh jiswa kif inghad ma tressaqx appell u din il-Qorti sejra titratta l-aggravji kif imressqa ghal konsiderazzjoni taghha.

L-ewwel Qorti sabet il-mala fede a bazi biss tac-cirkostanza li l-konvenut irnexxilu jbiegh il-vettura ghaxart ijiem wara li xtraha bi profitt ta' Lm2,000 - *res ipsa loquitur*, osservat l-ewwel Qorti. Din il-Qorti bir-rispett kollu, tqis li d-deduzzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti saret b'mod simplistiku wisq. Hi qalet li l-konvenut Carmelo Pace, l-appellant, "ma setghax ma kienx jaf" li kellu okkazzjoni li jbiegh il-*bus* bi qliegh ta' Lm2,000. Ma tirrizultax prova, pero`, li l-imsemmi konvenut kien jew seta' kien jaf u anqas jista' jinghad li c-cirkostanzi huma tali li minnhom tista' tingibed inferenza li kien jew seta' kien jaf.

L-atturi jghidu li l-*buses* inbieghu bi prezz baxx, pero`, ma gabu ebda stima dwar il-valur taghhom u fir-risposta tal-appell taghhom, Michael Sultana u Iris Cacciottolo ammettew li ma sabux espert f'dan il-qasam li seta' jaghti valur indipendenti. Wiehed irid jinnota li f'laqgha li saret fit-22 ta' Jannar 1991, li fiha d-diretturi, personalment jew tramite rapprezentant, kienu prezenti, kien sar qbil li l-kumpanija tigi xolta u li l-vetturi jinbieghu.

Meta gew ipprezentati l-prezzijiet, kien hemm min ried jivverifika, izda l-attur Michael Sultana qal li l-prezzijiet "jidhru mhux hazin ghal tal-familja, izda baxxi hafna ghal barranin" – u dan avvolja ma kellux stima tal-istess vetturi. Kien sar qbil ukoll li min minn tal-familja kien interessat jaghmel akkwist ta' xi *bus*, seta' jaghmel dan. Sussegwentement, l-appellant xtara *bus* bil-prezz indikat minnu stess, prezz accettat bhala "mhux hazin".

L-atturi qed jghidu li dan il-persuna qarrqet bihom ghax uriet prezzijiet mod, meta kellha diga` offerta oghla. Ma saret, ebda prova, pero`, li meta gew indikati l-prezzijiet, l-

appellanti kienu jafu b'offerti oghla! F'kull kaz, meta saret il-proposta ta' xiri tal-*buses* mill-azzjonisti, ma giex eskluz li l-*buses* jigu rinegozjati lill-barranin bi prezz oghla. Fi kliem iehor, il-prezzijiet kienu kollha fl-istess ilma (baxxi ghall-barranin), izda l-azzjonisti kollha kellhom l-istess opportunita` li jixtru xi wiehed mill-*buses* bil-prezzijiet indikati u wara jbieghhom bi qliegh ghalihom. Kif qal il-perit legali mahtur mill-ewwel Qorti biex jassistiha fis-smiegh tal-kaz, kulhadd kien jaf bil-proposta u kienu jafu bil-prezzijiet u hadd ma gie ingannat. Fuq kollox il-prezzijiet tal-*buses* ma kienx hareg bihom l-appellant Carmelo Pace wahdu, izda l-ahwa subien bejniethom (Carmelo, Edward, Andrew u Joe) u ma jirrizultawx li dawn "qarrqu" meta ghamlu l-kalkoli taghhom. Kwindi, Carmelo Pace ma setax wahdu ibaxxi l-prezz tal-*buses* biex jinqeda hu, meta kien hemm hutu wkoll involuti. Seta' hbielhom li kien jaf b'offerti oghla, pero`, ma jirrizultax li hu kien jaf b'xi offerta hekk oghla.

Wiehed mill-atturi stess iddeskriva l-prezzijiet bhala "mhux hazin" ghalihom, u hadd ma kien mizmum milli, meta jakkwista *bus*, ibieghha lill-terzi bi prezz differenti milli xtraha.

Joseph Pace, wiehed mill-azzjonisti, izda mhux parti fil-kawza, xehed li l-prezzijiet gew accettati minn kull min kien prezenti ghal-laqgha, u ftakar li Iris Cacciottolo bdiet turi l-karta tal-prezzijiet lil Miriam Sultana (mart l-attur Michael Sultana) li qalet li l-prezzijiet jidhru ragjonevoli. Andrew Pace qal li huma ffissaw il-prezzijiet skont il-prezz tas-suq u gew accettati minn Michael Sultana, Mario Debattista u Iris Cacciottolo (l-atturi). Jidher, ghalhekk li l-atturi kienu ben konxji b'dak kollox li kien qed isir, u kienu lesti jaccettaw il-prezzijiet murija mill-ahwa subien. Kien biss wara li saru t-trasferimenti, u l-atturi saru jafu li l-*buses* gew rinegozjati a favur terzi bi prezz oghla, li l-atturi bdew joggezzjonaw ghal dak li sar. Kif inghad, pero`, hadd ma kien ipprojbit li jbiegh il-*bus* li jixtri lill-terzi, u ma saret ebda prova li l-appellant kien jaf jew seta' kien jaf li l-prezzijiet indikati ma kienux realistici.

Allegazzjoni ta’ frodi hija wahda serja u trid tigi ippruvata minn min jallegaha, u jekk mhux bi provi diretti, almenu b’indizji cari u konkludenti li juru l-mala fede. Meta tqis li, f’dan il-kaz, l-opportunita` ta’ akkwist bil-prezzijiet indikati kienet miftuha ghal kulhadd, u fin-nuqqas ta’ provi li juru l-kuntrarju, din il-Qorti ma tarax li hi tista’ tippresumi agir b’mala fede (Art. 981 tal-Kap. 16).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuti Andrew u Carmelo Pace billi tilqa’ l-istess u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkonfermaha inkwantu cahdet l-ewwel zewg talbiet u r-raba’ talba attrici, u helset lill-Kummissarju tal-Pulizija u lir-Registratur tas-Socjetajiet mill-harsien tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-atturi appellati, izda tirrevokaha fil-bqija, u minflok tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellanti u tichad it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------